Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

L-Għaxar Leġislatura

Laqgħa Numru 24

17 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2026 fl-4:00 pm.

PREŻENTI:

Clive Pulis -	Sindku
Anthony Bonavia -	Viċi Sindku
Joeline Attard -	Kunsilliera
Mario Gauci -	Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Malcolm Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 24 għal-għaxar leġislatura

24.1	**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
	Ma kienx hemm
24.2	**Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti**
24.2.1	Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 23, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-viċi sindku s-Sur Anthony Bonavia.
24.3	**Kommunikazzjoni mis-Sindku**
24.03.01	Is-Sindku semma li l-kunsill irċieva imejl sabiex min jieħu ħsieb il-permessi jattendi għall-laqgħa mat-Transport Malta għaliex ser ikun hemm xi bdil fis-sistema tat-Tranching.
24.03.02	Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl sabiex jikkumpensa lil xi persuna għaliex din qed tgħid li waqgħet fuq bankina u weġgħat. Is-segretarju eżekuttiv wieġbegħt din l-imejl li l-pajp li kien hemm fuq il-bankina mhux propjeta tal-kunsill iżda ta' dar privata u ikkupjat lil insurance u lil avukat tal-kunsill.
24.03.03	Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar dettalji ta' risk assesment għall kull attivita li issir mill-kunsill lokali.
24.03.04	Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li inġabru l-kwotzzjonijiet sabiex jiġi ippublikat ktejjeb dwar informazzjoni li ser jitqassam bieb bieb li l-isme oriġinali tal-Isla huwa Senglea. Ser ikun hemm QR Code ukoll fuq il-paġna ta' FB sabiex dan il-ktejjeb ikollu traduzzjoni bil-lingwa ingliża u jkunu jistgħu iħallu il-kummenti ukoll.
24.03.05	Is-sindku iltaqa' ma resident barrani fejn applika għal Biennale, din hija wirja ta' arti fi Triq Sant Anna k/m Triq San Ġużepp. Din il-wirja ser tkun miftuħa mit-12 ta' Marzu sa 16 ta' Mejju 2026 bejn il-Ħamis u l-Ħadd mill-4.00pm sat-8.00pm. Is-Sindku informa lil kunsilliera li għandu kollox bil-permess u dan ir-resident talab li jsiru żewġ bollards tal-lastku sabiex ma jipparkjawx fuq il-bankina fejn hemm żewġ garaxxijiet. Dan ir-resident tkellem ukoll mal-ġirien li dawn il-bollards ser ikun biss temporarjament għal dan iż-żmien. Din l-esebizzjonin għandha żewġ aċċessi ta' ħruġ f' każ ta' ħruq. Talab il-kunsill sabiex issir tabella ta' Fire EXIT quddiem id-dar tiegħu.

24.03.06	Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa fil-11 ta' Frar 2026 online mas-SEM dwar applikazzjonijiet iżda dawn kellhom deadline qasira, iżda hemm oħrajn li jagħlqu f' Settembru / Ottubru.
24.03.07	Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom konferenza fit-12 ta' Frar 2026 dwar l-iskemi li inħarġu mid-dipartiment għal-gvern lokali li huma dwar : **SPI.SCI.04.2026 -** Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali **(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)** **SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità **(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)** **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027 **(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026)**
24.03.08	Is-sindku informa lil kunsilliera li l-Aġenzija tal-Anzjanita' Attiva' talbu li l-kunsill joħroġ sejħa għat-talba ta' School Grannies. Dawn ikunu penzjonanti u jitħallsu mil-kunsill u jiġu rimborsati mill-aġenzija.
24.03.09	Is-Sindku informa lil kunsilliera li saru l-fanali ta' Triq il-Vitorja u baqa' l-aħħar erbgħa biex jinbidlu minn fejn kien il-Każin tal-labour sal-Każin tal-PN. B'hekk ikunu saru il-fanali kollha ta' Triq il-Vitorja.
24.03.10	Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet imejl lil produzzjoni tal-films li sabiex jintuża l-parking ta' fejn il-Maċina irrid jingħata donazzjoni sabiex jikkumpensa għal-inkonvenjent tar-residenti u din is-donazzjoni il-kunsill jieħu ħsieb li jsir proġett fil-lokal.
24.03.11	Is-Sindku tkellem dwar il-cameras li saru fil-proġett tad-daħla tal-Isla għal fuq il-Forti San Mikiel. Kull ma baqa' huma dawk tal-Belveder.
24.03.12	Is-Sindku tkellem dwar Sports Day sabiex issir fit-2 ta' Mejju 2026 flimkien mal-iskola. Il-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard tkellmet mal-kap tal-iskola ukoll iżda il-kunsilliera is-Sa Joeline Attard iddiskutiet li għandha issir Sport Day oħra sabiex jattendi kull tifel u tifla anka dawk li ma jattendux l-iskola primarja Santa Margerita u din l-isports Day issir ġimgħa wara. Is-Sinkdu idelega din l-iSport Day lis-Sa. Joeline Attard flimkien mas-Sur Anthony Bonavia sabiex jiddiskutu flimkien.
24.03.13	Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti sabiex jinnominaw persuni għall-Bord għal Jum l-Isla. Il-Kunsilliera issuġġerew unanaimament

	lis-Sur Joe Scerri, is-Sur James Farrugia, is-Sinjara Connie Galea, is-Sur Joe Portelli u l-Perit Fleur Ebejer. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħatilhom jekk jaċċettawx din in-nomina u minn hemm ikomplu jmexxu sabiex jintbgħatu il-linji gwidi u l-aviżż fuq il-paġna ta' Face Book.
24.03.14	Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol tal-pavimentar ta' madwar il-funatana tal-Gardjola mixi u kważi lest, waqfu minħabba l-maltemp iżda sal-aħħar ta' Marzu x-xogħol għandu jkun lest. Il-Bankijiet ser jibqgħu li kien hemm.
24.03.15	Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-tender għal-manutenzjoni tal-pilastri u ta' taħt it-taraġ tal-letrina tax-xatt, kif ukoll it-tender ta' fuq il-Belveder ta' fuq il-Forti San Mikiel ser jinħarġu fix-xahar li ġej.
24.03.16	Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-art ta' Triq l-Arkati fejn kien ġej il-lift il-gvern ta' kumpens lis-sid u għalhekk ġiet f'idejn il-lands. Is-Sindku issuġġerixa li l-kunsill jagħmel talba li din l-art tiġidevoluta lil kunsill sabiex jekk ikun hemm fondi li jsir proġett ikun jista jsir minn naħa tal-kunsill.
24.03.17	Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti li hemm dar fi Triq il-Ponta k/m Triq id-Duluri li din id-dar hemm bżonn li taqa' u x-xogħolijiet irridu jsiru b'Tower Crane, iżda dan it-Tower Crane irrid issir minn Triq il-Vitorja fuq parking bay. Dan it-Tower Crane mhux ser itellef lil Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kuntrattur ser jagħmel plastic ma l-art biex ikun jista jagħmel il-konkos u t-Tower Crane ikun dritt. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.
24.03.18	Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-siħar ta' quddiem il-knisja tal-Vitorja ser jinżabru bejn 18 u 20 ta' Frar 2026.
24.03.18	Is-Sindku iltaqa ma persuna sabiex jieħu ideja x'jista jsir fl-imħażen li l-kunsill ħa b'devoluzzjoni minn għand il-Lands Department sabiex jara kif wieħed jista' jiżviluppa dawn l-imħażen u jintużaw għall-kultura, għalhekk hemm bżonn ideja ta' designer fuq dawn il-proġetti ta' kultura.
24.03.19	Is-Sindku qal li flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għall-ewwel laqgħa tal-GRECO ġewwa l-Greċja fejn ħareġ is-suġett sabiex issir studju ta' kemm jidħlu u joħorġu vetturi ġewwa l-Isla u fejn wieħed jista' joħloq open spaces.
24.03.20	Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva imejl li l-bollards tax-xatt li kienet bil-ħsara meta sar l-inċident is-sena l-oħra f' Ġunju 2025 issa waslet. Il-Kunsill irrid japplika għall-meter tad-dawl u meta dawn jibdew jaħdmu l-kunsill jitlob ċertifikat mill-enġineer li dawn il-bollards jaħdmu

	kif suppost. Is-Sindku tkellem mal-kuntrattur sabiex ikunu lesta sal-Għid iżda xorta waħda għall ewwel darba jkun hemm il-puluzija.
24.03.21	Is-Sindku tkellem mal-kunsilliera preżenti li flimkien mal-viċi sindku kienu iltaqgħu mal-għaqda Sajjieda u Barkolori sabiex jaraw il-każ tad-dagħajjes tan-naħa tal-Isla iżda dawk li qegħdin mill-mina tal-Isla L-ġewwa ma jistgħux jitneħħew għaliex hemm agreement u jekk ikun hemm bżonn iqabdu l-aukat. Dwar il-parkeġġ ta' quddiem il-mina is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-enġinier Raid tal-AUM fejn dan qallhom li ser jiġi żviluppat fi żmien qasir.
24.03.	Is-Segretrju Eżekuttiv infurmat li għamlet rapport l-għassa dwar il-fanal li intlaqat fil-weekend fi Pjazza 4 ta' Settembru u dan ir-rapport ser taddiħ lil kumpanija tal-assigurazzjoni.
24.4	**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
24.04.01	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv sabiex terġa teħel tabella li inqgħalet li tindika informazzjoni, il-viċi sindku poġġiha wara l-grada tal-librerija. Is-Sindku infurmah li ser issir.
24.04.02	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Ġużepp Isla Jiena Mario Gauci nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv sabiex issiru bollards orangjo fejn il-BCRS Is-sindku informa lis-Sur Mario Gauci li dawn il-bollards issiru fejn ikun hemm il-legalita'.

24.5	**Rapporti**
24.5.01	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Jannar 2026 u l-petty cash ta' Jannar 2026 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard.
24.6	**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
24.6.1	Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 2/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard.
24.07	**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
24.07.1	Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2026 fl-4:00p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Marzu 2026

IFFIRMATA_____
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_____
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv